MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' April, 2004

Avviz Numru. 741/2000/1

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Charles Electrical Installations Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' sitt mija u erbghin lira Maltin (Lm640), in kwantu ghal sitt mitt lira Maltin prezz ta' merkanzija lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata u cioe aircondition unit u in kwantu ghall-erbghin lira Maltin (Lm40) imghaxijiet legali mill-konvenut dovuti sad-data tal-avviz fuq din l-istess somma.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghall-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li tali somma mitluba mis-socjeta attrici m'hijiex dovuta.

Salv ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Kif ukoll il-kontro talba maghmula mill-istess socjeta konvenuta (fol 4 ibid) u li biha issottomettiet kontrotalba fl-ismijiet inversi ghas-somma ta' hames mija sitta u erbghin liri Maltin (Lm546) in kwantu ghall-hames mija u sitt lira (Lm506) ghall-prezz ta' xoghol maghmul mis-socjeta konvenuta ghas-socjeta attrici u erbghin lira (Lm40) ghall-imghaxijiet legali dovuti mis-soceta attrici lis-socjeta konvenuta u sal-gurnata tal-lum fuq din l-istess somma.

Bl-ispejjez u riserva ghall-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-prezentata tal-eccezzjonijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ghall-istess kontro talba (fol 6 ibid) u li biha is-socjeta attrici eccepiet illi l-ammont pretiz mis-socjeta Charles Electrical Installations Limited, mhux dovut stante li l-istess socjeta esegwit l-istess xogholijiet mhux skond is-sengha u l-arti u bhala konsegwenza ikkagunat danni lill-istess socjeta attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher mill-provi prodotti u mit-talbiet in esami kif specifikati fl-avviz u fil-kontro talba in esami, dan il-kaz, jirreferi ghal:

a) bejgh u konsenja ta' 'airconditioning unit', bil-prezz ta' Lm600, da parti tas-socjeta attrici lil dik konvenuta.
b) Ftehim ta' sub-appalt moghti lill-istess socjeta konvenuta da parti ta' dik attrici sabiex jigi stallat 'airconditioning unit' iehor f'post f'Ta' Xbiex.

Ikkunsidrat

Illi Luciano Martinelli (fol 10 et seq ibid) ikkonferma, anke permezz ta' dokumenti (ara fol 14 u 15 ibid) illi l-'air conditioning unit' imsemmi fl-avviz kien gie mibjugh u konsenjat lis-socjeta konvenuta li, pero' naqset milli thallas il-prezz relattiv. L-istess xhud spjega, uljterjorment u b'referenza aghall-kontro talba in esami, illi s-sub appalt moghti lis-socjeta konvenuta kien gie esegwit 'hazin' u '…. li tant kien hemm hsara li kellna nbidluh kompletament'.

Ikkunsidrat

Illi xhud iehor prodott mill-istess socjeta attrici ossija Pio Camilleri (fol 18 et seq ibid) filwaqt li kkonferma dak li xehed x-xhud precedenti spjega ulterjorment dwar l-imsemmi sub appalt, illi l-klijent, Carmel Vella Clarke, kien ilmenta li, l-'aircondioning unit' istallat mis-socjeta konvenuta f'post tieghu f'Ta' Xbiex ma kienx qed jiffunzjona u li l-istess stallazzjoni ma kienetx 'up to standard'. Hu, ix-xhud, specifika li l-istess 'unit', ma setax' jiffuzjona mhux minhabba xi difett fih izda '…. Minhabba x-xoghol (hazin) li kien sar fuqu waqt it-twahhil' u bhala konsegwenza kellu jigi sostitwit l-istess unit. Inoltre x-xhud kien ikkomunika mas-socjeta konvenuta sabiex din tigi tara l-esekuzzjoni hazina li saret vis-à-vis is-sub-appalt in kwistjoni izda din qatt ma kienet inorat il-weghdiet li ghamlet sabiex tesamina l-istess xoghol (ara ukoll id-dokument a fol 23 ibid in rigward l-istess sub-appalt).

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta' konvenuta ma gabet ebda prova in sostenn tal-istess kontro talba u sabeix tikkontrobatti dak li xehedu Luciano Martinelli u Pio Camilleri in rigward l-esekuzzjoni

totalment hazina tas-sub-appalt moghti lill-istess socjeta konvenuta.

Illi ghalhekk waqt li l-kontro talba ma tistax tigi akkolta, it-talba maghmula mis-socjeta attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjoni w il-kontro talba maghmulin mis-socjeta konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm680 bl-imghax legali mill-5 ta' Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------